*m'għandux ikun li wara għaxar snin ta' proċeduri, l-appellanta tinqeda bil-proċeduri tal-appell biex tqajjem il-lanjanza li l-proċeduri quddiem it-Tribunal setgħu kienu vvizzjati jew li d-depożizzjoni ta' xi xhud tħalliet barra mill-proċess, partikolarment meta din kellha kull opportunità tilmenta dwar dan quddiem it-Tribunal, iżda naqset milli tagħmel dan –meta l-kreditur jitlob ammont speċifiku fl-att taċ-ċitazzjoni u mhux ammont da liquidarsi, l-imgħax fuq dak l-ammont jiddekorri mid-data taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 23/2021 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Maria Galea u l-istess Maria Galea (K.I. 721252M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Frances Natalizia Abela (K.I. 79051M)** *('l-appellanta')*
**u Simon Agius** *('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Frances Natalizia Abela** (K.I. 79051M), hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi

ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], tat-23 ta' Frar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda billi filwaqt li laqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Simon Agius, hawnhekk 'l-appellat Agius', u ddikjara li dan mhux responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ċaħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata Frances Natalizia Abela, u b'hekk laqa' t-talbiet tar-rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Maria Galea u l-istess Maria Galea (K.I. 721252M)**, hawnhekk 'l-appellati', fil-konfront tagħha, u ddikjara li l-inċident awtomobilistiku li seħħ ġewwa Santa Venera fid-19 ta' Lulju, 2011 [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'], ġara unikament tort tagħha. It-Tribunal iddikjara wkoll li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw komplessivament għas-somma ta' seba' mija u tnejn u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€782.76), li minnhom is-somma ta' seba' mija u sebgħa u għoxrin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€727.76) għandha titħallas lis-soċjetà rikorrenti, filwaqt li s-somma ta' ħamsa u ħamsin Euro (€55) għandha titħallas lir-rikorrenti Maria Galea. L-intimata Frances Natalizia Abela ġiet ikundannata tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż tal-arbitraġġ, bl-imgħaxijiet legali fuq id-danni hekk likwidati b'effett mid-data tal-preżentata tal-arbitraġġ sad-data tal-ħlas finali.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti istitwew proċeduri arbitrali, li permezz tagħhom talbu lit-Tribunal jiddikjkara min mill-intimati għandu jinżamm responsabbli għall-

inċident awtomobilistiku li seħħ fid-19 ta' Lulju, 2011, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SJJ 762 misjuqa mill-initmat Simon Agius u l-vettura bin-numru IBI 742 misjuqa mill-intimata Frances Natalizia Abela, bil-vettura tar-rikorrenti Maria Galea bin-numru ta' reġistrazzjoni NOV 127, li ġarrbet ħsarat waqt li din kienet ipparkjata mal-ġenb tat-triq fejn seħħ l-inċident, u li jillikwida d-danni riżultanti mill-imsemmi inċident. Il-vettura tar-rikorrenti Galea kienet assikurata b'polza tal-assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* mas-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, u għalhekk għajr għall-ewwel €55, l-ispejjeż għat-tiswija tal-ħsarat li ġarrbet il-vettura tar-rikorrenti Maria Galea tħallsu minn GasanMamo Insurance Limited.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, huma unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni, billi allegaw li l-inċident tat-traffiku inkwistjoni seħħ waqt li l-intimati kienu qegħdin isuqu l-vetturi tagħhom b'mod negliġenti u imprudenti. Ir-rikorrenti qalu li d-danni subiti mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NOV 127 jammontaw għal €782.76, jew somma oħra verjuri li tista' tiġi determinata waqt l-arbitraġġ, u l-intimati jew min minnhom għandhom jiġu kkundannati jħallsu dawn l-ispejjeż flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali sad-data tal-pagament.

4. L-intimat **Simon Agius** wieġeb li huwa qiegħed jirrespinġi l-allegazzjonijiet, pretensjonijiet u talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti stante li

dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex l-inċident inkwistjoni ġie kkawżat unikament mill-intimata Frances Natalizia Abela u mhux minnu. Qal li huwa ma kienx responsabbli għall-inċident, u għalhekk kull talba sabiex huwa jagħmel tajjeb għad-danni allegatament ikkawżati lir-rikorrenti, għandha tiġi miċħuda. L-intimat Simon Agius talab li huwa jiġi meħlus minn kull proċedura tal-arbitraġġ u mill-ħlas tad-danni, u qal li hija l-intimata Frances Natalizia Abela li għandha tinżamm responsabbli għal dak li seħħ u għall-ħsarat sofferti mir-rikorrenti.

5. L-intimata **Frances Natalizia Abela** wieġbet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li l-inċident awtomobilistiku ma seħħx tort tagħha, iżda tort ta' Simon Agius, li saq b'imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Qalet li għalhekk l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda fil-konfront tagħha, għaliex l-inċident seħħ tort tal-intimat l-ieħor. Żiedet tgħid li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni li għandha tinżamm responsabbli għalihom hi, u għalhekk hija m'għandha tinżamm responsabbli għall-ebda ħlas ta' danni.

6. Ir-rikorrenti **Maria Galea** xehdet li fil-ħin tal-inċident, hija kienet qiegħda d-dar, bil-vettura tagħha li kienet ipparkjata barra, meta f'ħin minnhom semgħet ħoss, u xħin ħarġet tara x'kien ġara, sabet żewġ vetturi maħbutin li għamlu ħsara fil-vettura tagħha. Qalet li hija ma tafx l-inċident kif seħħ, imma għad-danni subiti minnha għamlet tajjeb is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited. **Dr Louis Bianchi** għas-soċjetà rikorrenti kkonferma li kienet is-soċjetà rikorrenti li għamlet tajjeb għad-danni u għall-ħsarat sofferti mill-assikurata Maria Galea. L-intimata **Dr Francina Abela** xehdet li dakinhar tal-inċident, hija

kienet għaddejja min-naħa ta' Birkirkara sejra lejn il-Ħamrun, u fil-ħin tal-inċident it-triq kienet vojta. Qalet li kellha l-*indicator* mixgħul fuq in-naħa tal-lemin, għaliex riedet tikser sabiex tidħol fid-*drive-in* tad-dar tagħha fl-istess triq. Qalet li minn faċċata tagħha ma kinux ġejjin vetturi, u fil-ħin li kisret biex tibda dieħla fid-*drive-in,* hija kienet qiegħda ssuq bil-mod ħafna. L-intimata qalet li hija fl-ebda ħin ma waqfet zoptu għaliex ma kellhiex għalfejn, għaliex it-triq kienet vojta. Kompliet tgħid li f'ħin minnhom hija ħasset daqqa kbira fuq il-vettura tagħha. Spjegat li fil-ħin tal-impatt, il-vettura tagħha kienet għadha dritta, filwaqt li l-impatt seħħ f'nofs il-vettura tagħha. L-intimat **Simon Agius** xehed li fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed isuq il-vettura targata SJJ 762 u kien għaddej minn Psaila Street, fid-direzzjoni lejn Birkirkara. Qal li rekbin miegħu kellu żewġ passiġġieri, u xħin wasal quddiem *showroom* tal-muturi li hemm fit-triq, sema' twerżiqa għaliex il-vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, baqgħet dieħla fil-ġenb tiegħu. Ix-xhud qal li ma jidhirlux li dak il-ħin quddiemu kien hemm vetturi oħra. Qal illi fil-ħin li seħħ l-impatt huwa kien għaddej b'veloċità baxxa. Qal li mal-ġenb tat-triq kien hemm vettura pparkjata li huwa baqa' dieħel fiha. Qal li mal-impatt huwa baqa' dieħel fil-parapett tal-ħanut tal-muturi u anki waqqalu xi ġebel. L-intimat Simon Agius ippreżenta sensiela ta' ritratti sabiex juri l-inħawi fejn seħħ l-inċident, il-marki tal-brejkijiet, kif ukoll il-pożizzjoni tal-vetturi rispettivi wara l-inċident. Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata wkoll kopja tar-rapport li sar lill-Pulizija in segwitu għall-inċident.

7. F'dikjarazzjoni ġuramentata ppreżentata mill-intimat **Simon Agius**, huwa spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed isuq fid-direzzjoni tal-isptar

Saint Philip's direzzjoni lejn Birkirkara, u rekbin miegħu dak il-ħin kien hemm bintu Jessica Maria Agius u ċertu Gino Ellul. Qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien għaddej b'veloċità normali u ma kellux xi għaġġla partikolari, meta f'ħin minnhom ra vettura tal-għamla Smart ġejja mid-direzzjoni opposta, li daret quddiem il-vettura tiegħu. Qal li din il-manuvra kienet inaspettata, u għalhekk huwa ma setax jgħid jekk l-*indicator* ta' din il-vettura kienx mixgħul jew le. L-intimat Simon Agius qal li huwa ħa brejk qawwi, iżda l-vettura misjuqa mill-intimata l-oħra baqgħet għaddejja, bir-riżultat li ħabtet miegħu. Qal li l-impatt kien qawwi u għalhekk huwa baqa' dieħel fil-ħajt tal-istabbiliment Cycle World, u ħabat ukoll ma' vettura li kienet ipparkjata mal-ġenb tat-triq. L-intimat qal li wara l-impatt, huwa bilkemm felaħ joħroġ mill-vettura tiegħu. Agius qal li konsegwenza tal-inċident, kemm hu kif ukoll bintu li kienet riekba miegħu, kellhom jirċievu attenzjoni medika.

8. **Jessica Maria Agius**, bint l-intimat Simon Agius, xehdet illi fil-ħin tal-inċident hija kienet riekba fil-vettura misjuqa minn missierha. Spjegat li huma kienu ġejjin mid-direzzjoni tal-isptar Saint Philip's fid-direzzjoni lejn Birkirkara u Psaila Street, u missierha dejjem baqa' jsuq fil-karreġġata tiegħu. Żiedet tgħid li f'ħin minnhom semgħet lil missierha jirrimarka dwar xi manuvra li għamlet l-intimata l-oħra, u fil-pront semgħet il-brejkijiet u l-ħoss tal-impatt tal-vettura. Ix-xhud qalet li wara l-inċident hija kellha tingħata l-għajnuna medika anki sabiex tinħareġ mill-vettura.

9. Ix-xhud **Kurt Agius** xehed li hu kien il-Pulizija li investiga l-inċident. Qal li huwa tkellem maż-żewġ xufiera involuti, u meta aċċeda fuq il-post fejn seħħ l-inċident, huwa ma kellu l-ebda suspett li l-intimati kienu ċaqalqu l-vetturi

tagħhom minn fejn kienu. Qal li b'kollox fuq il-post kien hemm tliet vetturi maħbutin u mal-art kien hemm żewġ settijiet ta' marki ta' brejkijiet.

10. **Carmen Borg** xehdet li fil-ħin tal-inċident hija kienet ipparkjata mal-ġenb tat-triq, għaliex bintha tattendi l-iskola tal-pjanu li tmexxi l-intimata Francine Abela. Qalet li hija rat lill-intimata ġejja mid-direzzjoni opposta bl-*indicator* mixgħul, u din għaddiet bil-mod minn ħdejha. Qalet li ħin minnhom dawret wiċċha biex tkellem lil bintha, meta semgħet xi storbju. Kompliet tgħid li hija ma ratx il-ħabta sseħħ, iżda rat il-vettura ta' Francine Abela dritta u l-vettura l-oħra li baqgħet dieħla fil-ħajt ta' Cycle World, filwaqt li kien hemm ukoll it-tielet vettura milquta li n-*number plate* tagħha spiċċa fil-parapett tal-istabbiliment Conimex, li hemm fl-istess triq.

**<u>Il-lodo arbitrali appellat</u>**

11. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fit-23 ta' Frar, 2021, it-Tribunal iddeċieda li: l-eċċezzjonijiet tal-intimat Simon Agius għandhom jiġu milqugħa, u li dan għandu jiġi ddikjarat mhux responsabbli għall-inċident; li l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata Frances Natalizia Abela għandhom jiġu miċħuda, u b'hekk it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tagħha għandhom jiġu milqugħa; u b'hekk iddikjara li l-inċident awtomobilistiku seħħ unikament tort tal-intimata Frances Natalizia Abela, u ddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti għandhom jitħallsu unikament minnha, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Illi l-inċident in kwistjoni seħħ fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Din hija triq twila u dritta, b'żewġ karreġġati fid-direzzjonijiet opposti u b'parkeġġ għall-karozzi fuq iż-żewġ naħat, tul it-triq kollha.*

*Illi mill-provi jirriżulta illi dakinhar tal-inċident, l-intimat Agius kien qed isuq mid-direzzjoni tal-Ħamrun sejjer lejn Birkirkara, filwaqt li l-intimata Abela kienet ġejja mid-direzzjoni opposta bl-intenzjoni li tidħol fid-*drive-in *tar-residenza tagħha, li kienet tinsab fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Skont Abela,* "It-triq kienet vojta u kienet ilha vojta". *Kien għalhekk li Abela baqgħet miexja u* ex admissis "fl-ebda mument ma waqaft dead stop biex nikser." *A tempo vergine lill-Pulizija, l-intimata Abela* qaltilhom "meta rajt li t-triq kienet vojta u ma kien ħadd ġej mid-direzzjoni opposta, bl-*indicator* li kien ilu mixgħul bdejt nikser fuq in-naħa tal-lemin sabiex nipparkja quddiem gate, fejn f'daqqa waħda smajt u ħassejt daqqa."

*Illi da parti tiegħu l-intimat Agius ikkonferma li kien għaddej fid-dritta, sema' waħda twerżaq u* "il-vettura li kienet fiha ġiet għal fuq is-side tiegħi mid-direzzjoni opposta." *Konsegwenza tal-inċident, Agius baqa' dieħel fil-vettura pparkjata tar-rikorrenti Galea u spiċċa fuq il-parapett ta' Benny tal-muturi u waqqalu l-ġebel.*

*Illi għalkemm l-intimata Abela allegat li x'ħin seħħ l-impatt, il-vettura tagħha kienet għadha dritta, l-Arbitru m'għandhiex dubju li fil-ħin tal-impatt, l-intimat Agius kien qed isuq fil-karreġġata tiegħu. Dan jirriżulta b'mod ampju mill-*brake marks *li tħallew mill-vettura tiegħu b'konsegwenza tal-inċident, kif jirriżulta fl-iskizz (li ma ġiex ikkontestat) u mir-ritratt esebit minn Agius stess. Fuq kollox* a tempo vergine*, l-intimata Abela stqarret mal-Pulizija li* "bdejt nikser lejn in-naħa tal-lemin sabiex nipparkja" *u dan b'ammissjoni ċara li l-intimata Abela kienet diġà bdiet tinvadi l-karreġġata qabel seħħ l-impatt.*

*Illi għalhekk l-Arbitru taqbel in toto mas-sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Agius, ossia li kien jinkombi fuq l-intimata Abela li teżerċita* a proper lookout *u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, dan tenut kont li kienet ser tibddel id-direzzjoni u tinvadi l-karreġġata opposta biex tipparkja ħdejn id-dar tagħha jew fid-*drive-in *tad-dar tagħha.*

*Illi fil-klawsoli 162 et seq., il-*Malta Highway Code *jistipula li s-sewwieqa għandhom jirrispettaw il-karreġġati tagħhom, u kull vettura għandha żżomm fuq ix-xellug ta' linja medjana, ħlief sabiex tilħaq bini biswit jew sabiex tidħol fi triq biswit, kemm-il darba ma jkunx hemm periklu biex tagħmel hekk. Fi kwalunkwe każ* "linji bojod maqtugħa jaqsmu l-karreġġata f'żewġ mogħdijiet u tista' taqsamhom bl-attenzjoni meħtieġa u wara li tkun urejt lill-vetturi l-oħra" *(klawsola 164).*

*Illi fuq kollox skont il-klawsola 215 tal-Malta Highway Code:* "Qatt ma għandek tagħmel xi manuvra li tista' ġġiegħel traffiku ieħor jimxi bil-mod jew jieqaf f'daqqa, lanqas jekk tuża s-sinjali." *Għalhekk il-fatt li l-intimata Abela seta' kellha l-*indicator *mixgħul, ma kienx jagħtiha d-dritt li tinvadi l-karreġġata tal-intimat Agius, ir-responsabbilità għall-inċident in kwistjoni xorta waħda tinkombi fuqha.*

*Illi f'dan il-każ, l-intimata Abela saħansitra sostniet għal aktar minn darba li t-triq kienet vojta u ma kien hemm l-ebda vetturi ġejjin minn faċċata u huwa għalhekk li hija fl-ebda ħin ma waqfet qabel bdiet il-manuvra biex tidħol fid-*drive-in *u taqsam il-karreġġata opposta. Il-fatt li Triq il-Ferrovija hija triq dritta u twila, u għalhekk l-intimata Abela kellha viżibilità fit-tul, ladarba, minkejja dan, l-intimata Abela naqset li tinnota l-vettura tal-intimat Agius, huwa prova ċara li hija naqset li żżomm* a proper lookout *qabel bdiet il-manuvra.*

*Illi għalhekk kienet il-manuvra tal-intimata Abela, il-*causa prossima *tal-inċident de quo, u konsegwentement il-ħsarat ikkawżati fil-vettura tar-rikorrenti Galea, liema vettura kienet ipparkjata, saret ħtija tal-istess Frances Natalizia Abela.*

***Danni***

*Illi r-rikorrenti ppreżentaw l-irċevuti relattivi għall-ħsarat imġarrba fil-vettura tar-rikorrenti Maria Galea, liema irċevuti ġew ikkonfermati mill-Avukat Dr Louis Bianchi, u dan in sostenn tat-talba tagħhom għal-likwidazzjoni tad-danni. Dawn l-irċevuti ma ġewx ikkontestati mill-intimati.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn il-motivi l-Arbitru tiddeċiedi billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Simon Agius u tiddikjarah mhux responsabbli għall-inċident in kwistjoni; tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata Frances Natalizia Abela; u tilqa' t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimata Frances Natalizia Abela u tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku li seħħ fid-19 ta' Lulju, 2011 f'Santa Venera, ġara unikament tort tal-intimata Frances Natalizia Abela; tiddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw komplessivament għas-somma ta' seba' mija u tnejn u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€782.76) u dan in kwantu għas-somma ta' seba' mija sebgħa u għoxrin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€727.76) dovuti lis-soċjetà rikorrenti u in kwantu għas-somma ta' ħamsa u ħamsin euro (€55) dovuti lir-rikorrenti Maria Galea; tikkundanna lill-intimata Frances Natalizia Abela sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €782.76 u dan in linea ta' danni; tikkundanna lill-intimata Frances Natalizia Abela tħallas l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ, inklużi dawk tal-intimat Simon Agius, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali*

*ppreżentata fl-20 ta' Frar, 2012 u tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment mal-arbitraġġ kontra l-assikurazzjoni Citadel Insurance plc u Montaldo Insurance Agency Limited; kif ukoll, tikkundanna lill-intimata Frances Natalizia Abela sabiex tħallas l-interessi legali fuq il-*quantum *tad-danni b'effett mid-data tal-preżentata tal-arbitraġġ, ossija mid-19 ta' Ġunju, 2012 sad-data tal-ħlas finali."*

## L-Appell

12. L-intimata **Avukat Frances Natalizia Abela** ressqet l-appell tagħha mill-lodo arbitrali appellat fid-9 ta' Marzu, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fit-23 ta' Frar, 2021 per Arbitru Dr Ruth Scott fl-ismijiet premessi u konsegwentement tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata pro et noe in toto jew in parti fil-konfront tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi ikunu a karigu tal-appellat l-ieħor Simon Agius."*

13. L-appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal u l-każ tagħha l-ewwel beda jinstema' quddiem Dr Joseph Bonnici u wara kompla jinstema' quddiem Dr Ruth Scott, li ddeċidiet it-tilwima bejn il-partijiet. Qalet li t-Tribunal iddeċida dan l-arbitraġġ bid-dokumenti nieqsa u meta t-traskrizzjoni tax-xhieda li sema' l-Arbitru Dr Joseph Bonnici ma kinitx fil-proċess u l-kalligrafija tax-xhieda meħuda quddiemu hija illeġibbli, filwaqt li x-xhieda mogħtija minn ċertu Stephen Magri hija nieqsa għal kollox mill-proċess. Qalet li għaldaqstant id-deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla.

14. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi meta ddetermina li ma kien hemm xejn ħażin fis-sewqan ta' Simon Agius, u żiedet tgħid li t-Tribunal għamel valutazzjoni spekulattiva fir-

rigward tal-konfigurazzjoni tal-ħsarat imġarrba miż-żewġ vetturi, u dan wassal biex l-interpretazzjoni tiegħu tad-dinamika tal-inċident kienet waħda żbaljata, illoġika u ambigwa. L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni li hija kienet fil-karreġġata tagħha lesta biex iddur, u li fil-ħin tal-impatt hija kienet ġejja bil-mod u mhux ħabta u sabta kif allega l-intimat l-ieħor. L-appellanta qalet li anki mir-ritratti esebiti għandu jirriżulta li fil-ħin tal-impatt hija kellha r-roti ta' quddiem tal-vettura li kienu għadhom mhumiex imdawrin sabiex hija tibda l-kisra, u hija ma kinitx għadha bdiet il-kisra meta seħħ l-impatt. Qalet li l-intimat Simon Agius kellu l-viżwali tat-triq, u kien huwa li naqas milli jeżerċita *proper lookout* kif mistenni minnu waqt is-sewqan. Qalet ukoll li l-vettura tagħha qatt ma marret fuq in-naħa l-oħra tat-triq kif ġie allegat, iżda baqgħet dejjem fuq il-karreġġata tagħha, u kienet il-vettura misjuqa mill-intimat Simon Agius li kienet ġejja b'veloċità u li daret b'mod li kkawżat ħsara fuq vetturi u proprjetajiet fuq in-naħa tax-xellug tat-triq. L-appellanta qalet li dan kien ikkostatat ukoll mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-deċiżjoni kontra Simon Agius mogħtija fil-5 ta' Marzu, 2020, fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lil Simon Agius ħati ta' sewqan traskurat. L-appellanta qalet li mill-iskizz jidher ċar li hija kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Birkirkara lejn Santa Venera, u li kienet għaddejja fil-karreġġata tagħha bl-*indicator* mixgħul u lesta biex iddur, billi l-linja li tifred iż-żewġ karreġġati mhix waħda kontinwa. Kompliet tgħid li kellu jirriżulta ċar li Simon Agius ma rax il-vettura tagħha lesta biex iddur, bil-konsegwenza li daħal b'impatt qawwi fuqha. Qalet ukoll li t-triq hija waħda dritta u li għalhekk Simon Agius seta' jinduna bil-vettura tagħha wieqfa minn ferm qabel u għalhekk seta' jevita l-inċident.

15. L-appellanta qalet li t-tielet aggravju tagħha huwa dwar minn meta jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet fuq id-danni. Spjegat li anki f'każ li din il-Qorti ssib li l-ħtija għal dan l-inċident hija tagħha, it-Tribunal ma setgħax jiddeċiedi li l-imgħaxijiet fuq id-danni jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra uffiċjali, għaliex l-ammont sar dovut minn meta ġie stabbilit li l-ħtija għall-akkadut hija tagħha u għalhekk mid-data tal-lodo arbitrali u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali. L-appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie stabbilit li fir-rigward ta' debitu inċert jew mhux likwidu ma jistgħux jiddekorru imgħaxijiet, u sabiex l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru huwa meħtieġ li d-debitu jiġi determinat.

16. L-appellanta qalet ukoll li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn hija ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u dan għaliex kien hemm dewmien esaġerat f'dawn il-proċeduri, kif ukoll għaliex hija m'għandha l-ebda ħtija għal dan id-dewmien, u lanqas m'għandha tinżamm responsabbli għall-akkadut.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà appellata GasanMamo Insurance Limited wieġbet li s-sentenza tat-23 ta' Frar, 2021 hija ekwa u ġusta u timmerita konferma, inkwantu din stabbiliet li r-rikorrenti għandhom dritt għar-riżarċiment tad-danni mħallsa minnhom b'konsegwenza tal-inċident tad-19 ta' Lulju, 2021, li ġew likwidati fis-somma ta' €782.76, oltre l-imgħaxijiet mid-19 ta' Ġunju, 2012, u l-ispejjeż ġudizzjarji. Is-soċjetà appellata qalet li hija sejra tirrimetti ruħha għall-provi mressqa u għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, iżda

żiedet tgħid li hija m'għandhiex tbati spejjeż għaliex fil-mument meta ġiet intavolata l-kawża, huma ma kellhom l-ebda ħjiel dwar min seta' kien responsabbli għad-danni sofferti mill-appellata, meta saret il-ħsara fil-vettura tagħha waqt li kienet ipparkjata. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija nulla għaliex kien hemm traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu quddiem Dr Joseph Bonnici, li kienu nieqsa mill-proċess, l-appellati qalu li l-appellanta kellha kull opportunità li tressaq l-ilment tagħha dwar dan qabel ingħata l-lodo arbitrali, iżda għal xi raġuni hija naqset milli tressaq nota ta' sottomissjonijiet kemm fit-terminu mogħti lilha mit-Tribunal u anki wara. Is-soċjetà appellata qalet li l-fatt li fi kliem l-appellanta dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin is-snin, isaħħaħ il-fehma tagħha li l-appellanta kellha biżżejjed żmien biex teżamina l-proċess u tirregola ruħha. Qalet li dan ma sarx, u minflok l-appellanta issa qiegħda tipprova targumenta li l-lodo arbitrali huwa nulla. B'riferiment għall-allegazzjoni tal-appellanta li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Stephen Magri hija nieqsa mill-proċess, is-soċjetà appellata qalet li Stephen Magri qatt ma kien indikat bħala xhud u għalhekk l-ebda waħda mill-partijiet ma setgħet tipproduċih bħala xhud. Is-soċjetà appellata qalet li anki l-aggravji dwar l-ispejjeż u l-imgħax huma mingħajr bażi, u dan għaliex min-naħa tagħha ma kien hemm l-ebda dewmien. Spjegat li l-inċident inkwistjoni seħħ fid-19 ta' Lulju, 2011 u l-proċeduri arbitrali ġew ippreżentati fid-19 ta' Ġunju, 2012. Is-soċjetà rikorrenti, hawnhekk appellata, qalet li hija kienet lestiet mill-provi tagħha sas-6 ta' Diċembru, 2012, u għalhekk fi żmien sitt xhur minn meta istitwiet il-proċeduri arbitrali. Is-soċjetà appellata qalet li hija mhijiex sejra tidħol fil-mertu ta' min għandu jħallas għall-imgħaxijiet, imma tgħid li għandha dritt

titħallas dawn l-imgħaxijiet. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għal deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta[1] fejn intqal li l-fatt li t-Tribunal dam biex jagħti deċiżjoni m'għandux jippreġudika lir-rebbieħ, u dan għaliex hija kellha tagħmel użu minn flus tagħha sabiex tissewwa l-ħsara. Qalet ukoll li s-sentenza ċċitata mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha[2] m'għandha x'taqsam xejn mal-każ odjern, għaliex fil-każ odjern, l-ammont mitlub in linea ta' danni mis-soċjetà appellata ma jikkonsistix f'somma *da liquidarsi,* imma l-ammont preċiż tal-ispejjeż imħallsin minnha ġie indikat fit-talba li saret quddiem it-Tribunal, u għalhekk ir-raba' aggravju tal-appellanta huwa irrilevanti.

19. Fir-risposta tiegħu l-appellat **Simon Agius** qal li s-sentenza tat-23 ta' Frar, 2021 hija ekwa u ġusta u timmerita konferma, u għalhekk l-appell intavolat mill-appellanta, huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk talab sabiex dan l-appell ikun miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

20. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali appellat u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellati.

[1] GasanMamo Insurance Limited et *vs.* Argus Insurance Limited et.
[2] Vivianne Charmaine Mizzi *vs.* Carmel Mizzi, Q.A., 30.06.2004.

*L-ewwwel aggravju:* *[in-nullità tal-lodo arbitrali]*

21. L-appellanta qalet li l-lodo arbitrali appellat huwa null għaliex it-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt li wħud mill-provi bdew jinstemgħu minn Arbitru differenti, u li d-depożizzjoni tax-xhieda miġbura minn dan l-Arbitru tħalliet bil-miktub fil-proċess, b'tali mod li din ma tistax tinqara faċilment. L-appellanta qalet ukoll li d-depożizzjoni tax-xhud Stephen Magri, li nstemgħet mill-ewwel Arbitru Dr Joseph Bonnici, hija għalkollox nieqsa mill-proċess, u għalhekk il-lodo arbitrali appellat ma kkonsidrax uħud mill-provi li tressqu f'dawn il-proċeduri, b'tali mod li għandu jiġi kkonsidrat null.

22. Il-Qorti rat l-atti proċesswali quddiem it-Tribunal, u tibda billi tirrileva li dan huwa appell minn lodo arbitrali dwar inċident stradali li seħħ xejn anqas minn għaxar snin ilu. Jirriżulta li l-proċeduri arbitrali bdew jinstemgħu quddiem l-Arbitru Dr Joseph Bonnici, u li sussegwentement dawn tkomplew jinstemgħu minn Arbitru differenti. Jirriżulta wkoll li Stephen Magri, li l-appellanta tgħid li ddepona quddiem l-ewwel Arbitru, u li x-xhieda tiegħu ma ġietx inkluża fil-proċess, ma kienx imniżżel fil-lista tax-xhieda tal-appellanta, intimata fil-proċeduri arbitrali, u għalhekk fi kwalunkwe każ dan ix-xhud ma setax jinstema' mit-Tribunal. Il-Qorti tqis li lanjanza tax-xorta li ressqet l-appellanta fl-ewwel aggravju tagħha, mhijiex lanjanza li għandha titressqu quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni, iżda hija lanjanza li setgħet faċilment tinġieb a konjizzjoni tat-Tribunal. Wara kollox jirriżulta li t-Tribunal ta lill-partijiet il-fakoltà li jressqu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u l-appellanta naqset milli tagħmel dan. M'għandux ikun li wara għaxar snin ta' proċeduri, l-appellanta tinqeda bil-

proċeduri tal-appell biex tqajjem il-lanjanza li l-proċeduri quddiem it-Tribunal setgħu kienu vvizzjati jew li d-depożizzjoni ta' xi xhud tħalliet barra mill-proċess, partikolarment meta din kellha kull opportunità tilmenta dwar dan quddiem it-Tribunal, iżda naqset milli tagħmel dan. Huwa għalhekk li tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[dwar l-apprezzament tal-provi]*

23. L-appellanta qalet li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi, u pinġa stampa dwar id-dinamika tal-inċident li hija żbaljata, illoġika u ambigwa. L-appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li fil-ħin tal-inċident hija kienet kważi wieqfa, għaliex il-ħsieb tagħha kien li ddur u tikser lejn id-*drive-in* tar-residenza tagħha wara li taqsam il-linja li tifred iż-żewġ karreġġati. Qalet li mill-provi kellu jirriżulta li l-intimat l-ieħor kellu viżwali fit-tul tat-triq kollha, u kien l-intimat l-ieħor li naqas milli jeżerċita l-*proper lookout* rikjest, b'tali mod li dan dar u kkawża ħsarat fuq numru ta' vetturi u fuq proprjetà li hemm fl-istess triq. L-appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li t-triq dritta tat lil Agius viżwal tajjeb ferm għat-tul tat-triq, u dan seta' jara l-vettura tagħha wieqfa minn ferm qabel seħħ l-inċident.

24. Il-Qorti qieset sew il-provi miġjuba u d-depożizzjoni tal-partijiet fil-kawża, sabiex setgħet tikkonsidra dan l-aggravju kif mistħoqq. Minkejja li l-intimati t-tnejn xehdu li fil-ħin tal-inċident kienu għaddejjin b'veloċità baxxa ferm, bl-appellanta tgħid li fil-ħin tal-inċident kienet kważi wieqfa, lesta biex iddur lejn ir-residenza tagħha, huwa evidenti, mill-konsegwenzi li ħalla dan l-

inċident, li xi ħadd minnhom mhux qiegħed jgħid il-verità. Mill-provi jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ f'parti tat-triq li hija dritta, u għalhekk l-intimat Simon Agius kellu viżwali tajba tat-triq u ta' dak kollu li kien għaddej madwaru. Jirriżulta wkoll li fil-ħin tal-inċident l-appellanta kienet ser tibda manuvra sabiex taqsam il-karreġġata u ddur lejn ir-residenza tagħha, u għalhekk din kienet kważi wieqfa xħin seħħ l-impatt. Kuntrarjament għall-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, mill-provi ma jirriżultax li l-appellanta fil-ħin tal-inċident kienet qiegħda tinvadi l-karreġġata li kien fiha l-intimat Simon Agius. Mir-ritratti esebiti jidher ċar li l-inċident seħħ fil-parti tat-triq faċċata tar-residenza tal-appellanta, u għalhekk din kellha tnaqqas sew mill-veloċità jew tieqaf kompletament qabel tikser lejn id-dar tagħha. Simon Agius fix-xhieda tiegħu qal li fil-ħin tal-inċident, it-traffiku ma kienx wieħed voluminuż, imma hu fl-ebda waqt ma ra lill-appellanta, u ntebaħ biha biss meta sema' twerżiqa u raha ġejja minn faċċata. L-intimat u bintu t-tnejn xehdu li huma rrimarkaw dwar il-mod kif kienet qiegħda ssuq l-appellanta fil-mumenti qabel seħħ l-impatt, imma f'partijiet oħra tax-xhieda tagħhom jagħtu l-impressjoni li qabel seħħ l-inċident, sa fejn jafu huma t-triq kienet vojta u fl-ebda ħin ma raw lill-appellanta fit-triq. Il-Qorti kkonsidrat li huwa ferm aktar plawsibbli li l-appellanta kienet wieqfa prattikament għalkollox fil-ħin li seħħ l-inċident, u kien l-intimat Agius li ma kienx qiegħed jeżerċita l-*proper lookout* rikjest u ma rax lil Abela wieqfa fit-triq. Kien Agius li xehed li fil-ħin tal-inċident it-triq kienet vojta, fattur dan li jindika li huwa fl-ebda waqt ma induna bil-preżenza tal-vettura tal-appellanta qabel seħħ l-inċident. Ix-xhieda tal-appellanta kienet korroborata mix-xhieda ta' persuna li kienet qiegħda tistenna lill-appellanta tidħol f'darha sabiex bintha tibda l-lezzjonijiet tal-pjanu, u għalhekk il-Qorti

hija moralment konvinta li l-verżjoni tal-fatti kif seħħew mogħtija mill-appellanta, hija ferm aktar kredibbli minn dik mogħtija mill-intimat Simon Agius. Huwa għalhekk li l-Qorti qiegħda tqis li it-tieni aggravju huwa ġustifikat, u ma jirriżultax li t-Tribunal għamel analiżi korretta tal-provi kollha miġjuba quddiemu fil-konsiderazzjonijiet tiegħu.

*It-tielet aggravju:* *[imgħaxijiet fuq id-danni]*

25. Minkejja li qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanta, bil-konsegwenza li ladarba ġie stabbilit li r-responsabbilità għal dan l-inċident għandha tinġarr mill-appellat Simon Agius, u għalhekk għandu jkun hu li jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti, il-Qorti xorta waħda sejra tindirizza dan l-aggravju anki sabiex jiġi ppreċiżat l-ammont tad-danni u mgħaxijiet li għandhom jitħallsu lis-soċjetà appellata u lill-appellata Maria Galea. L-appellanta qalet li f'dan il-każ l-imgħaxijiet m'għandhomx jibdew jiddekorru mid-data tan-notifikata tal-ittra uffiċjali iżda mid-data tas-sentenza, għaliex huwa biss permezz tal-lodo arbitrali appellat li ġiet stabbilita l-kwistjoni tal-ħtija għall-akkadut. L-appellanta sostniet ukoll li l-imgħaxijiet ma jiddekorrux kontra debitu inċert jew li mhux likwidu.

26. Il-Qorti iżda ma taqbilx mal-pożizzjoni meħuda mill-appellanta f'dan l-aggravju, għaliex mill-provi jirriżulta li l-ammont mitlub in linea ta' danni kien ammont ċert u likwidu u mhux ammont *da liquidarsi.* Ir-responsabbilità o meno għall-akkadut m'għandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni dwar jekk l-ammont pretiż fit-talba li saret lit-Tribunal huwiex ċert u dovut, u minn meta

beda jiddekorri l-imgħax legali. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Mario u Marianne konjugi Galea *vs.* Emanuel Fenech**[3], fejn ġie stabbilit li meta l-kreditur jitlob ammont speċifiku fl-att taċ-ċitazzjoni u mhux ammont *da liquidarsi,* l-imgħax fuq dak l-ammont jiddekorri mid-data taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza. Għaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[dwar il-ħlas tal-ispejjeż]*

27. L-appellanta tgħid li hija ma kellha l-ebda responsabbilità għad-dewmien tal-proċeduri quddiem it-Tribunal. Huwa prinċipju bażilari li l-parti telliefa f'kawża tiġi kkundannata tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha jew għal parti kbira minnhom. It-Tribunal ddeċida li r-responsabbilità għall-inċident għandha tinġarr mill-appellanta, għalkemm din il-Qorti qiegħda tibdel dik il-parti tad-deċiżjoni li ddeċidiet dwar ir-responsabbilità għall-akkadut, u għalhekk għandha tiġi mibdula dik il-parti tad-deċiżjoni dwar min mill-intimati għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża. Il-Qorti tirrileva li b'daqshekk hija mhijiex qiegħda tiddeċiedi li l-appellat Simon Agius huwa b'xi mod responsabbli għad-dewmien li ħadu l-proċeduri quddiem l-Arbitru. Isegwi iżda li ladarba ġie stabbilit li l-appellat Simon Agius huwa responsabbli għall-inċident, għandu jkun hu li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċeduri.

[3] 16.01.2003.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanta, billi filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju tagħha, qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tagħha, tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni hija tal-appellat Simon Agius, u għalhekk huwa l-appellat Simon Agius li għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni kkawżati lis-soċjetà appellata u lil Maria Galea b'konsegwenza tal-inċident. Għar-raġunijiet diġà spjegati, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellanta mhumiex qegħdin jiġu milqugħa.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali huma a karigu tal-appellat Agius, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kwantu għal kwart mill-appellanta, u tliet kwarti mill-appellat Agius.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**